MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2005

Avviz Numru. 465/2005

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Pierre u Maria Dolores Camilleri**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-8 ta' Awissu tas-sena 2005 li permezz tieghu is-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-Qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

**1. Illi jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' erbat elef, mija u tnejn u disghin Lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu, (LM4,192.22,0), rapprezentanti:**

**i. in kwantu ghal tlett elef, mija u hamsa u tmenin Lira Maltin u seba' centezmi, (LM3,185.07,0), kapital dovut fuq loan account bin-numru 039-105762-300, liema self inhareg fuq isem iz-zewg konvenuti, pju' l-imghaxijiet fuq l-istess kont bit-tmienja fil-mija (8%) fis-ena mit-3 ta' novembru tas-sena 2003 sad-9 ta' Gunju tas-sena 2005 ammontanti ghal erba' mija u seba' Liri Maltin u disgha u sittin centezmu, (LM407.69,0), barra ghall-imghaxijiet ulterjuri kif hu mitlub aktar 'l isfel;**

**ii. in kwantu ghal hames mija, tlieta u erbghin Lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu, (LM543.26,0), kapital dovut fuq rescheduled visa card account bin-numru 039-105762-340, liema kont huwa fuq isem iz-zewg konvenuti, pju' l-imghaxijiet fuq l-istess kont bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mit-23 ta' Frar tas-sena 2004 sad-9 ta' Gunju tas-snea 2005 ammontanti ghal sitta u hamsin Lira Maltin u ghoxrin centezmu, (LM56.20,0), barra ghall-imghaxijiet ulterjuri kif inhuwa mitlub aktar 'l isfel;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali tat-8 ta' Novembru tas-sena 2004 li biha s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti biex ihallsuha imma baqghet bla twegiba, u bl-imghaxijiet ulterjuri mill-10 ta' Gunju tas-sena 2005 sal-hlas effettiv kontra l-konvenuti, li minn issa huma msejha ghas-subizzjoni;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Stante li debitament ippruvata stante li l-konvenuta ammetta l-istess talbiet, tiddeciedi li tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti konjugi Camilleri jhallsu lis-socjeta' attrici l-ammont ta' erbat elef mija u tnejn u disghin Lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu, (LM4,192.22,0), bl-ispejjez.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------